16 ta' Ottubru, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Domenico Spiteri *versus* Leading Cook Graham Spencer, R.N.

## Traffiku — "Res Ipsa Loquitur" — Prova — "Pedestrian" — Skiddjar — Danni

*F'materja ta' traffiku, il-provi jistgħu juru li l-każ ikun wieħed li jaqa' taħt il-prinċipju tar-"Res Ipsa Loquitur". Għax jista' jkun hemm każi ta' aċċidenti stradali fejn ma jkunx hemm bżonn li l-persuna offiża fl-aċċident tipprova li d-driver li kien isuq il-karrozza kien attwalment negliġenti, billi n-negliġenza tiegħu tkun tirriżulta mill-istess natura tal-aċċident. Fi kliem ieħor, il-kwerelant jista' jipprova fatti li fihom infishom ma jistabbilixxux li d-driver effettivament kien negliġenti, imma li minnhom il-liġi tassumi li l-offiż ipprova biżżejjed il-ħtija tad-driver, u dan ikun fil-pożizzjon li jkollu każ "prima facie" pruvat kontra tiegħu; u jekk ma jinnewtralizzax dawn il-provi, il-kwistjoni tiġi deċiża kontra tiegħu.*

*Fost il-każi ta' "Res Ipsa Loquitur" jidħol id-dannu kaġunat minn karrozza tan-nar lill-"pedestrian" li jkun miexi fuq il-bankina; fejn il-piż ta' prova soddisfaċenti tal-aċċident tinkombi fuq id-driver; għax ordinarjament dak l-aċċident ma kellux javvera ruħu.*

*Jista' forsi jiġi konġetturat li l-karrozza skiddjat u marret tolqot lill-"pedestrian" fuq il-bankina. Però, mhux kull skid fuq trieq tiżloq teżonera lid-driver mill-ħtija; għax bosta każi ta' skid jistgħu jiġu evitati jekk id-driver ikun attent u jieħu l-prekawzjonijiet opportuni fl-istat tat-trieq tiżloq. U allura jkun irid jiġi ndagat jekk id-driver ħax dawn il-prekawzjonijiet li jeżonerawh mill-ħtija. Imma jibqa' dejjem illi, ladarba l-aċċident sar minn karrozza f'post li hu riżervat għall-"pedestrians", darba li jiġi pruvat dan il-fatt, din il-prova tikkostitwixxi "prima facie" prova ta' negliġenza da parti tad-driver, u*

*tintilolah għad-danni kontra dak l-istess driver, jekk dan ma jurix li kien każ ta' aċċident li għalieh huwa ma jkunx bl-ebda mod ikkontribwixxa.*

Il-Qorti — Rat is-sentenza tagħha tas-6 ta' Frar 1957 fejn hemm miġjuba d-domandi tal-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u li biha ġiet miċħuda l-eċċzzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti; bl-ispejjeż kontra l-konvenuti ne.;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-provi rriżulta li fit-2 ta' Jannar 1955, għall-ħabta tan-nofs siegħa ta' bil-lejl, l-attur, li kien sejjer bil-mixi fuq ix-xifer tal-bankina in-naħa tax-Xagħra ta' wara l-Mall mill-Belt Valletta fid-direzzjoni tal-Furjana, fid-distanza ta' xi ħamsin jew sittin pied il-bogħod minn fejn tispiċċa l-istess Xagħra, ġie milqut mill-karrozza li kien qiegħed isuq il-konvenut (li kien ġej mill-Brown Jug Bar, il-Furjana, wara party, flimkien ma' oħrajn), fuq trieq li kienet niedja, għaliex kienet niżlet xi xita rqieqa, u ntilef wara li sofra frattura fl-estremità superjuri tat-tibja li kienet timplika l-artikolazzjoni tal-irkoppa (u li kien ukoll irriporta leżjoni f'rasu li ma kienetx ta' mportanza), b'mod li l-attur dam ma jistgħax jaħdem sal-bidu ta' Mejju, l-għaliex kien inkapaċi jieqaf fuq siequ għall-ċertu ħin jew li jimxi fit-tul. Jirriżulta wkoll li qabel ma waslet il-karrozza, li wara nstab li kien qiegħed isuq il-konvenut, fil-pont fejn sar l-aċċident, qalgħet minnha karrozza oħra li kienet qegħedha tiġri pjuttost qawwi, u immejatament wara l-konvenut kiser jejh; u kif jirriżulta wkoll, ħalla tyre-mark tul ħames piedi mal-koxxa tal-bankina li fuqha kien miexi l-attur, u donnu anki ftit kulur taż-żebgħa tal-istess karrozza. Fl-aħħarnett, meta nstabet il-karozza tal-konvenut, il-Pulizija sabet li l-ħġieġa tal-fanal tax-xellug kienet ikkrakkjata. Jingħad li l-konvenut ma kienx fil-waqt tal-aċċident qiegħed isuq bi speed qaw-

wi, anzi bi speed moderat, li ġie kalkulat taħt l-għoxrin mil fis-sigħa. Il-konvenut in segwitu ammetta li kien qiegħed isuq dik il-karrozza Morris Minor nru. 15234 fil-waqt tal-aċċident fil-lokalità fejn sar il-każ; u qal li ħass daqqa u ħaseb li kien laqgħat ma' xi siġra, l-għaliex fuq dik il-bankina fejn kien miexi l-attur hemm pjantata linja ta' siġar; u semma li waqaf u niżel biex jivverifika x'kien ġara u ma sab xejn, u baqa' sejjer, mentri l-Pulizija tgħid li waqaf għal intervall żgħir ħafna, u ma setgħetx tgħid niżelx jew le mill-karrozza. Is-Surġent Buttigieg jgħid li wara li kellem lill-attur, meta ġie f'sensieħ, dan qallu kif ġara l-fatt, u qallu wkoll li kien jaħseb konġetturalment li l-karrozza tal-konvenut skiddjat qabel ma laqtitu;

Ikkunsidrat;

Illi in tema legali jingħad li dan il-każ, fuq il-provi li hemm, jaqa' taħt il-prinċipju tar-"Res Ipsa Loquitur". Infatti, it-Terrell, "Law of Running down Cases", paġ 6 (Butterworth & Co. Ltd. 1936 edition), jgħid:— "In some cases arising out of road accidents it is unnecessary for the plaintiff to prove actual negligence on the part of the defendant, as the law will infer from the nature of the accident that the driver of the defendant's vehicle has been negligent. In other words, the plaintiff may prove facts which in themselves do not establish an actual breach of duty of defendant, but from which the law will assume that the burden of proving negligence has been discharged by the plaintiff, and the defendant will be in a position of having to meet a "prima facie" case. If he does not, or cannot, rebut that "prima facie" case, judgment will be given against him. These facts may be either proved by the plaintiff or admitted on the pleadings. Such cases of "res ipsa loquitur" fall into well-defined groups by reason of the Courts having considered certain sets of fact which continually recur, and having decided that in such circumstances the plaintiff has "prima facie" established negligence against defendant";

Fost il-każi "di fatto" menzjonati jidħol id-dannu kaġunat min karrozzi tan-nar lill-"pedestrian" li jkun fuq il-bankina (ara wkoll Gibb's "Trial of Motor car accident cases", section 176, Sweet & Maxwell, 1938);

Illi minn dan jitnissel li, ladarba l-attur ipprova l-fatt li huwa ġie milqut waqt li kien miexi fuq il-bankina, kien hemm "prima facie case" kontra l-konvenut; l-għaliex ipprova ħaġa li skond il-kors ordinarju tal-affarijiet ma ssirx normalment, jekk bniedem ikun miexi bil-kura; u fuq l-istess konvenut huwa riversat il-piż tal-prova tal-ispjegazzjoni soddisfaċenti tal-aċċident, li ordinarjament ma kellux javvera ruħu;

Illi jingħad ukoll li ġie pruvat li l-attur ġie milqut bil-parti x-xellugija ta' quddiem tal-karrozza, li ħakket mal-bankina u probabilment telgħet fuqha; għaliex il-konvenut qal li ħaseb li tajjar siġra, u s-siġar fejn saret il-ħabta huma kollha fuq il-bankina. *Il-ħabta saret meta kien hemm l-overtaking tal-karrozza l-oħra, li kienet għaddejja bi speed qawwi; u dan il-fatt pruvat kien ċertament jirrikjedi spjegazzjoni, mħabba li l-attur ġie midrub fuq il-bankina; l-għaliex jista, jew aħjar seta', jagħti l-każ li l-konvenut ġibed lejh minħabba dik l-istess karrozza, u jekk huwa ġibed lejh iż-żejjed, kellu jagħmlu b'mod li ma jipperikolax lil min ikun għaddej minn fuq il-bankina; l-għaliex mhux ritenut sewqan diliġenti dak ta' persuna li, biex iżżomm is-side tagħha, tħakkek max-xifer tal-bankina, meta kullħadd jaf li l-konformazzjoni tal-body tal-karrozzi jestendi ruħu oltre r-roti tal-istess vettura, bil-prevedibbli dannu ta' min ikun għaddej fuq l-ispazju tat-trieqat riżervat lill-*"pedestrians". Imma, għalkemm dak li ntqal fuq jidħol fl-isfera tal-possibilità ta' kif ġara l-każ, il-konvenut, li korra bniedem li kien miexi fejn kellu d-dritt jimxi u fejn huwa ma kellux d-dritt jimxi u fejn huwa ma kellux id-dritt juża, jew b'xi mod jimpedixxi l-użu tiegħu lil ħadd ieħor, ma ddeponiex biex jispjega dak l-aġir mhux skond dak *li fil-każ* ordinarjament jiġri. Anzi mid-depożizzjoni tal-attur jirriżulta li

huwa ġie midrub immedjatament wara l-overtaking tal-karrozza l-oħra, li kienet fuq l-istess trieq fir-rispett tal-karrozza tal-konvenut, li marret direttament fuq il-post fejn l-istess attur kien miexi fuq il-bankina;

Illi saret konġettura (u mhux il-prova) li l-karrozza tal-konvenut setgħet skiddjat u marret tolqot lill-attur. Fuq dan il-pont, it-Terrell, fuq ċitat (p. 20), meta kkommenta s-sentenza tal-Qorti tal-Appell "Mc. Gowan vs. Scott" (1930), 99 L.J., K.B. 357, Digest Supplement, jgħid:— "The Courts would seem to have been too prone to accept the proposition that a skid is inevitable or an act of God", wara li kien qal indutivament li mhux kull skid fuq trieq tiżloq għandha teżonera lid-driver mill-ħtija. U jkompli jgħid:— "In fact, expert evidence on the question (skidding), which the author has had the advantage of hearing, would seem to indicate that most skids could be avoided by a careful driver, who takes into consideration the state of the surface of the road. Further factors are the state of the tyres, whether they present a smooth gripping surface to the road, and the perfect adjustment of four-wheeled bodies. In every case of accident caused by skidding, factors such as these should be examined, and, if possible, expert evidence called in order to assist the jury in determining whether or not the skid could have been avoided by the exercise of reasonable care, skill and attention, on the part of the driver of the motor vehicle. A further question is whether, once a skid had occurred, the driver did everything that a reasonable, prudent and skilled driver should have done to avoid damage to other users of the highway; and if it be proved that he did not, then it would seem unreasonable that he should be relieved from liability as a result of such failure. 'It is submitted that the general effect of these dicta and decisions (li jinstabu ċitati fl-opra msemmija) is to establish the principle that, where an accident is caused by a road vehicle in a place reserved for pedestrians, if that alone is proved, such evidence amounts to prima facie proof of negligence on the part of the driver,

and would entitle the plaintiff to recover damages for the injuries thereby suffered' " (see Terrell, page 41, for the emphasized quotation). Ma għandux jintnesa dak li fuq intqal, li dwar li skidding ma saret ebda prova, u l-istess kwistjoni daħlet fil-kawża bħala raġuni konġetturali tal-fatt li l-konvenut korra lill-attur li kien miexi fuq il-bankina;

Illi dak li huwa aċċertat hu li l-karrozza li kellu l-konvenut mikrija għandu kienet ġdida; li kellha l-ħġieġa tal-fanal tax-xellug ikkrakkjata wara l-ħabta; li l-konvenut induna li, meta kien fil-ħin tal-aċċident għaddej fuq it-trieq in kwistjoni, ħass li laqat ma' xi ħaġa, li ħaseb li hija siġra (is-siġar f'dik l-estensjoni ta' trieq qegħedin fuq il-bankina); li huwa ma qalx lill-Pulizija li ġralu li ġralu l-għaliex skiddjatlu l-car li kien qiegħed isuq — ħaġa li preżumibilment kien jafferma "a tempo vergine" kieku kien hekk jaħseb; u fl-aħħarnett li laqat lill-attur waqt li kien miexi fix-xifer tal-istess bankina meta qalagħtu karrozza oħra fuq l-istess tratt tat-trieq immedjatament qabel l-aċċident;

Illi per konsegwenza, in forza tal-fattijiet u prinċipji fuq ċitati, din il-Qorti tħoss, taħt iċ-ċirkustanzi, li l-konvenut għandu jirrispondi għall-kolliżjoni u danni li sofra l-attur;

Ikkunsidrat;

Illi, dwar il-likwidazzjoni tad-danni, jingħad li l-attur qiegħed jitlob bħala danni emerġenti l-partiti segwenti:—

*Omissis;*

Illi, dwar id-danni li jidħlu taħt il-"lucrum cessans", l-attur qal li tilef il-paga......;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi, previju l-isfilz tad-dok. X (fol. 7 tal-proċess), ċjoè tas-sentenza kriminali mogħtija kontra l-konvenut mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tat-3 ta' Awissu 1955, billi tiddikjara lill-konvenut responsabbli tad-danni li sofra l-attur fl-okkażjoni msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni; u wara li tillikwida d-danni kollha għall-ammont ta' £117, tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ammont fuq likwidat, bl-imgħax mill-jum ta' din is-sentenza, u bl-ispejjeż, barra minn dawk li diġà ġew deċiżi.